Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 227/2015/1

**Dr Simon Busuttil (appellat)**

**Vs**

**Josef Caruana (appellant)**

25 ta' Marzu, 2019.

1. B'sentenza tal-25 ta' Gunju, 2018 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ddikjarat li l-artiklu ppubblikat fil-gazzetta L-Orrizont fit-2 ta' Awissu, 2015 bit-titlu *'Rikatt Abbuziv Nazzjonalista'* hu malafamanti u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) bhala danni.

2. B'rikors prezentat fit-13 ta' Lulju, 2018 il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravju hu li l-ewwel qorti kellha tilqa' l-eccezzjonijiet kollha u tiddikjara l-artiklu oggett tal-kawza bhala wiehed, *"... fondat fuq fatti, ahbarijiet u xi osservazzjonijiet – liema artiklu hu mistenni u oltre minn hekk, permess u mehtieg f'socjeta hielsa, u ghaldaqstant ghandu jitqies bhala wiehed li ma hux libelluz"*. Rikors tal-appell li hu identiku ghal dak tal-kawza 228/2015 fl-istess ismijiet u deciza llum.

3. F'artiklu pubblikat fil-gazzetta tal-Hadd 2 ta' Awwissu, 2015 bit-titli *"Rikatt Abbuziv Nazzjonalista"* u *"Simon: 'Biex Jifthu, Jafu x'Ghandhom Jaghmlu"*. Fl-artiklu inkiteb li:

> *"Lejliet l-Elezzjoni Generali tal-2013 Simon Busuttil iltaqa' man-negozjant Joe Gaffarena u indikalu car li jekk ried jerga' jiftah il-pompa tal-petrol f'Hal Qormi kellu jaghtih dokumenti relatati mal-kaz tad-Daewoo 20 sena qabel ... wisq probabbli bl-iskop biex ikisser lil John Dalli"*.

4. L-artiklu kien pubblikat *'front page'* b'ritratt kbir tal-attur u fuqu l-kliem:

> *"Simon Busuttil: Fl-2012 indikat li seta' jabbuza mill-poter ghal skopijiet partiggjani -.... fl-2015 determinat 'inaddaf il-politika mill-hmieg'"*.

5. Fl-artiklu inkiteb:

> *"F'laqgha kkordinata mal-Ministru tas-Sahha Joe Cassar ftit xhur qabel l-ahhar Elezzjoni Generali, Simon Busuttil, li dak iz-zmien kien Vici Kap tal-Partit Nazzjonalista u l-id il-leminija tal-Prim Ministru Lawrence Gonzi, ried*

*jiltaqa' personalment man-negozjanti maghrufin Joe u Marc Gaffarena, missier u iben.*

*Dawn tal-ahhar, li bhalissa jinsabu fil-mira ta' attakki kontinwi mill-PN, f'dak il-perjodu kienu qed jilmentaw li ma kinux qed jithallew joperaw pompa tal-petrol li ghandhom f'Hal Qormi minhabba ksur tal-permess originali u kellha tghaddi l-Elezzjoni tal-2013 biex jibdew joperaw partijiet minnha.......*

*L-istess sors jishqu li Busuttil, dakinhar bhala Vici Kap Nazzjonalista, kellu l-impressjoni li Joe Gaffarena, li kien sid il-kumpanija tal-karozzi Daewoo f'nofs is-snin disghin, seta' jghaddilu materjal importanti biex ikisser lill-eks Ministru John Dalli, li kif inhu maghruf ma kien xejn sew mat-tmexxija tal-PN......*

*"Peress li l-pjan tieghu kien tar mar-rih (Busuttil) lanqas biss ried ikompli jitkellem ma' Joe Gaffarena u t-tifel (Mark). Indikalhom car li jekk riedu jifthu, jafu ezatt x'kellhom jaghmlu" tennew is-sors b'referenza li l-pompa tal-familja Gaffarena kienet ghadha mizmuma maghluqa mill-Awtorita Maltija ghall-Izvilupp u l-Ippjanar (MEPA)....*

*Ikkuntatjat bit-telefown minn din il-gazzetta l-bierah, in-negozjant Joe Gaffarena la cahad u lanqas ried jikkonferma li kien mitlub mill-Ministru Joe Cassar biex imur id-Dar Centrali fl-ahhar tal-2012 fejn kellu jkellmu l-Vici Kap Simon Busuttil u li kien talbu jiehu mieghu 'l-karti kollha li kellu'".*

6. F'parti ohra tal-istess gazzetta, inkiteb artiklu iehor bit-titlu *"Min qal li l-politika tehtieg tindifa ?"* fejn inkiteb:

*"Wahda minn dawn l-okkazzjonijiet kienet dik fejn Busuttil hareg bl-ghajta li jrid inaddaf il-politika lokali. Mhux ghax xi darba kellna xi dubju, izda llum konvinti – u l-istorja ewlenija ppubblikata fil-harga taghna llum tkompli tipprovah – kemm din ma kienet xejn inqas minn hanqa populista bhall-ohrajn qabel jew wara u li ma jfissru u ma jsarrfu assolutament xejn ta' gid ghall-pajjiz jew il-poplu.*

*Irridu nkunu tassew cwiec biex nemmnu li Simon Busuttil tal-lum u li fl-ahhar sentejn qatt ma ried u lanqas xtaq li jinqata' kompletament mill-passat ricenti tal-PN, m'huwiex l-istess wiehed li kien hawn f'Novembru-Dicembru 2012 meta bhala Vici Kap Nazzjonalista kien stieden lil negozjant maghruf fid-Dar Centrali u, bil-poter ghad-disposizzjoni, irrikattah b'permess tal-MEPA, Awtorita li suppost kienet awtonoma u indipendenti mill-politika u l-amministrazzjoni. Jew jaghtih x'kellu bzonn il-Partit, inkella jinsa li jkompli bin-negozju".*

7. F'dan il-kaz hu evidenti li gew attribwiti fatti serji fil-konfront tal-attur, fis-sens li:

   i. Ghamel *'rikatt abbuziv'* ghal skopijiet partiggani;
   ii. Ta lil Joseph Gaffarena x'jifhem li kellu s-sahha li jabbuza mill-poter sabiex ikun jista' jiftah il-pompa tal-petrol ghan-negozju minkejja li fiha kien sar zvilupp illegali;

iii. Talab lil Gaffarena jaghtih dokumenti biex *'ikisser lil John Dalli'* u jaqdih fir-rigward tal-pompa tal-petrol.

8. Fatti li jattakkaw u joskuraw ir-reputazzjoni tal-attur, u ntizi wkoll biex jirredikolawh tant li nkiteb *"fl-2015 determinat 'inaddaf il-politika mill-hmieg'"* filwaqt li fis-sena 2012 *"indika li seta' jabbuza mill-poter ghal skopijiet partiggjani"*.

9. Hu evidenti li l-awtur tal-artikli qies il-fatti dikjarati minn Gaffarena bhala l-verita assoluta. Fatti li ghamilhom tieghu. Sahansitra wasal biex ighid li l-attur kien 'irrikatta' lil Gaffarena bil-permess tal-MEPA. Il-messagg li nghata fiz-zewg artikli pubblikati fil-gazzetta it-Torca tat-2 ta' Awissu, 2015 lill-qarrejja hu car, cjoe' li Dr Simon Busuttil jabbuza mill-poter u hu politiku 'mahmug' ghalkemm jippriedka li jrid inaddaf il-politika. Akkuzi serji li pero' l-konvenut naqas mizerabilment milli jaghti prova taghhom.

10. Jirrizulta li wara l-pubblikazzjoni ta' dak l-artiklu, il-konvenut hareg stqarrija ghall-istampa fejn fost'affarijiet ohra qal:

> *"Ghall-gid tad-demokrazija lokali u ghax ahna nemmnu fid-dritt tal-poplu li jkun mgharraf b'dak kollu ta' interess pubbliku,* ***ahna wkoll irridu li tohrog il-verita****, li jidher li hafna minnha ghadha mistura sew fil-kaz u anke f'kull relazzjoni li hemm sew seta' kien hemm bejn il-familja Gaffarena u PN"*.

11. Li jidher li nesa l-konvenut hu li ghalih verita' wahda kien hemm, il-verzjoni li rrakkontalu Gaffarena. Dan johrog car minn kull wiehed mit-tlett artikli oggett tal-proceduri li qeghdin jigu decizi llum. Ghalhekk id-dikjarazzjoni li *"ahna wkoll irridu li tohrog il-verita"*, tistona ma' dak li nghata x'jifhem il-qarrej f'kull wiehed mit-tlett artikli.

12. A skans ta' ripetizzjoni l-qorti tiddikjara li qeghda tapplika *mutatis mutandis* dak kollu li qalet fis-sentenza 228/2015 fl-istess ismijiet, u deciza llum.

13. Ghal dak li jirrigwarda s-somma li l-ewwel qorti kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur, m'hemmx aggravju. Ghaldaqstant, din il-qorti ma tistax tistharreg dik il-materja.

14. F'kull kaz il-qorti thoss li ghandha tikkummenta dwar il-fatt li l-attur ghamel xejn inqas minn hames kawzi dwar din l-istorja, kontra l-media tal-Partit Laburista. Tliet kawzi li qeghdin jigu decizi llum (tnejn prezentati fit-3 ta' Awissu, 2018 u ohra prezentata fl-4 ta' Awissu, 2018) u zewg kawzi ohra fl-ismijiet **Simon Busuttil vs Aleander Balzan** (229/2015 u 230/2015 prezentati fit-3 ta' Awissu, 2018) li jidher li ma gewx appellati. L-ewwel qorti ddecidiet il-hames kawzi kollha fl-istess gurnata. L-attur kellu jedd li

jipproponi kawzi differenti ghal kull malafama li sofra. Pero' dan ma kienx hemm bzonn li jsir. Reputazzjoni tajba hi essenzjali fil-hajja politika u wkoll ghad-dinjita tal-persuna. Kawza ta' libell isservi biex tivvindika l-isem ta' persuna u sservi wkoll bhala deterrent biex ma jigux pubblikati dikjarazzjonijiet malafamanti. Madankollu l-ilment tal-attur seta' sar f'inqas kawzi. Cirkostanza li fil-fehma tal-qorti hi wkoll rilevanti ghall-finijiet tal-kap tal-ispejjez. Inoltre, il-qorti hi tal-fehma li jista' jkun ukoll rilevanti meta l-ewwel qorti tillikwida d-danni, il-fatt li l-pubblikazzjoni jew xandir ikunu qeghdin jitrattaw l-istess ahbar.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.**

Anthony Ellul.